REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1248/2011

tad-29 ta' Novembru 2011

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet tal-Unjoni speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu klassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi stipulat li informazzjoni tariffarja vinkolanti u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fit-totalità tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2011.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Magna użata ma' lifts, b'dimensjonijiet ta' madwar 83 × 70 × 30 ċm u piż ta' 418 kg, (hekk imsejħa "magna tat-trazzjoni mingħajr ingranaġġ") li tikkonsisti fi: — mutur elettroniku sinkronizzat b' kalamita permanenti b'saħħa ta' 3,4 kW, — taljola fuq ix-xaft tal-mutur, — sistema ta' ibbrejkjar, u — ġeneratur ta' sinjal li jiddetermina l-pożizzjoni korretta tal-kejbils (sistema ta' sorveljanza għas-sigurtà). Il-magna hija installata f'xaft tal-lifts għat-tlugħ u nżul tal-kabina.	8425 31 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 2(a) għas-Sezzjoni XVI u mil-lingwaġġ tal-kodiċi tan-NM 8425 u 8425 31 00. Il-magna tikkonsisti f'mutur elettroniku u taljola fuq ix-xaft tal-mutur. Minħabba l-karatteristiċi tagħha, għandha tiġi kkunsidrata bħala winċ tal-intestatura 8425. Il-preżenza ta' sistema ta' ibbrejkjar jew l-assenza ta' kejbil jew ċintura ma teskludix il-klassifikazzjoni bħala winċ (ara wkoll l-opinjoni tal-klassifikazzjoni HS 8425.31/1). Il-preżenza tas-sistema ta' sorveljanza għas-sigurtà ma tibdilx il-karatteristiċi ta' winċ. Għalhekk, il-klassifikazzjoni bħala parti minn lift taħt l-intestatura 8431 hija esklużа. Għalhekk il-magna għandha tiġi klassifikata taħt il-kodiċi NM 8425 31 00 bħala winċ operat b'mutur elettroniku.